KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 73 | Tnejn 11 ta' Marzu 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:50 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Joe Gatt- Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier
Daniel Galea - Accountant

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Christian Borg – Kunsillier
Mario Sammut- Kunsillier
James Cassar -Viċi Sindku

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**73.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' James Cassar, Mario Sammut, u Christian Borg. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 72
REF: 72.3.7 – Korrispondenza - CCN39/19 Ġibjun
Is-Sindku nforma li qed nistennew appuntament mil-Onor. Ian Borg.

REF: 72.4.3 – Kommunikazzjoni – GreenMT
Is-Sindku nforma li rċevejna prosposta waħda wara li ħriġna sejħa għal ġbir tar-reċiklaġġ. Ħa nkunu qed nagħmlu laqgħa mal-GreenMT.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 – Malta
Tel: (+356) 21416841 Fax: (+356)21410245 Email:mosta.lc@gov.mt

REF: 72.4.4 – Kommunikazzjoni – Kotba Edukattivi u ta' Wirt Storiku.
Is-Sindku nforma li l-kotba qed jiġu mħejjija.

REF: 72.4.5 – Kommunikazzjoni – First Aid Courses
Is-Sindku nforma li l-First Aid Courses intlaqaw tajjeb ħafna, fejn huma kwazi *fully booked*. Is-Sindku talab għal-approvazzjoni biex il-*budget* ta' 600 Euro ntellawħ għal-900 Euro. Il-Kunsilliera jistaw wkoll jipparteċipaw għal-dan il-*course.*
Il-membri preżenti approvaw unanimament.

REF: 72.4.7 – Kommunikazzjoni – Parking Sta. Margerita
Is-Sindku nforma li qed nistennew risposta min Transport Malta.

REF: 70.3.5 - Presepju
Is-Sindku nforma li s-seminar dwar il-Presepju kien suċċess.

REF: 72.3.6 – Korrispondenza -Data Protection Officer fil-Kunsilli Lokali
Is-Sindku nforma li min 4 talbiet għal-*quotes* irċevejna tnejn biex nevalwawhom.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 72.

Saret sospensjoni tal-minuti biex jiġi spjegat ir-rapport 73.5.1 -Unaudited Financial Statements 2018 li ħejja l-accountant Daniel Galea

73.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

73.3.1 Korrispondenza – Email- Parking Bays fi Triq il-Pont
Is-Sindku qara' l-ittra li rċevejna mill-Kunsilliera Dott. Tua, fejn ilmentat fuq *parking bays* li għandu lis-stabbiliment Savewise. Dawn il-*parking bays* qegħdin bil-ħinijiet meta jistaw jintużaw bħala parkeġġ, u qed jintużaw kontinwament mil-klijenti li jidħlu jixtru, u minn vetturi privati tas-sidien tas-Savewise, u mhux qed jintużaw għall-iskop li tpoġġew oriġinarjament.
Dott. Tua spjegat li qed jkun hemm abbuż mis-sidien tas-Savewise fejn qed jiffastidjaw u jkunu abbusivi ma min jipparkja u ma jkunx klijent ta' l-istess stabbiliment. U għalhekk talbet li jkun hemm biss kaxxa waħda ta' parkeġġ li tkun biss għal *un/loading.*

Dott. Tua nfurmat li qed jsiru rapporti l-għassa, kif wkoll qed jittieħdu ritratti kuljum dwar din is-sitwazzjoni, u talbet lil-Kunsill biex jieħu passi wkoll, għax wkoll qed jmorru l-Pulizija jgħatu ċ-ċitazzjonijiet.

Is-Sindku fakkar li din kienet ssemmiet fil-passat f'waħda mil-laqgħat tal-Kunsill, fejn din ġiet irrapurtata lil-Transport Malta, u l-istess awtorita talbet lil Kunsill biex jneħħi l-kaxxa s-safra għax hija bla permess, pero' meta marru jgħamlu xogħolhom il-ħaddiema tal-Kunsill dawn b'mod arroganti ġew mwaqqfa mis-sid tas-Savewise. Il-ħaddiema tal-Kunsill kienu wkoll diġa ppruvaw darb oħra u twaqqfu mis-sid tas-Savewise.
Il-Kunsill kien nforma lil Transport Malta biex jibgħatu uffiċjali tagħhom pero' ma ħadu l-ebda azzjoni. Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex ninfurmaw lil-Pulizija biex ma jibqawx jgħatu ċitazzjonijiet meta dawn il-bays huma bla permess mil-awtorita.

Is-Sindku fakkar wkoll li din il-kwistjoni hija marbuta ma stabbiliment ieħer il-Brema li huwa stabbiliment simili tas-Savewise, fejn talab *un/loading bay* iktar min darba, pero' Transport Malta kienu irrifjutaw il-permess.
Is-Sindku nforma wkoll li kellu argument mas-Savewise fejn dawn qabdu 'u waħlu tabella fil-pjazza bla permess, liema tabella tindika fejn qiegħed is-Savewise. Din it-tabella eventwalment inqalet mil-Kunsill, peress li s-sid tas-Savewise ma ridtx ineħija.

Is-Sindku talab li l-korrispondenza tintbgħat lil Transport Malta, u jiġu kkupjati l-għassa tal-Pulizija tal-Mosta.

### 73.3.2 Korrispondenza – Quotation for the service of a Data Protection Officer
Is-Sindku nforma li min 4 talbiet għal-kwotazzjonijiet, irċevejna 2 li jridu jiġu evalwati.

### 73.3.3 – Kommunikazzjoni mis-Sindku- In the process of being published
Is-Sindku nforma li dawn it-tenders bħalissa qed jinħadmu u għaddej il-proċess tagħhom.
1. Lease of Van
2. Youth Worker
3. Rubble Wall
4. Playing Fields of Niċeċ
5. Handyman

Is-Sindku nforma wkoll li tal-Contract's Manager għadu qed jinħadem, u qed jieħu t-tul biex jitlesta peress li huwa kumpless.

### 73.3.4 – Kommunikazzjoni mis-Sindku – Rimi ta' apparat antik tal-Kunsill
Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat lista ta' apparat antiki min żmien l-ewwel leġizlatura tal-Kunsill li m'għadhomx jintużaw u l-lum huma konsidrati *obsolete*, biex jintremew u jiġu reġistrati fl-FAR, bħala Fixed Assets Disposals.
Il-membri preżenti approvaw unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat tinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal-aprovazzjoni tad-Dipartiment.

### 73.3.5 – Kommunikazzjoni mis-Sindku -Sejħa interna għal-Assistent Prinċipal
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba sabiex tinħareġ sejħa interna għal Skala 11. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament sabiex tinħareġ din is-sejħa.

### 73.3.6 – Kommunikazzjoni mis-Sindku – Wasteserv Bins
Is-Sindku nforma li l-Kunsill kemm il-darba offra is-servizzi tiegħu, biex il-Kunsilliera jgħinu fit-tqassim tal-*bins* lil-kuntrattur tal-Wasteserv, pero' dawn qatt ma rriispondew l-*emails* li bgħatna.

## 73.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri
### 73.4.1 – Zebra Crossing
Il-Kunsillier Tanti reġa rraporta li *zebra crossing* fi Vjal Indipendenza għada mhux taħdem. Is-Sindku nforma li Transport Malta ġiet infurmata, pero' għadhom ma rrispondewx.

### 73.4.2 – Gazetta Mosta Solidali
Il-Kunsillier Deguara nforma li għan-nofs April tinħareġ l-edizzjoni li jmiss.

### 73.4.3 – Ħarġa tal-Kunsill
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss hija fil-21 ta' Marzu ġewwa d-Dar tal-Providenza.

### 73.4.4 – Doggy Bins
Il-Kunsillier Deguara nforma li twaħħlu numru ta' *doggy bins*, u ressaq suġġeriment biex jitwaħħal wieħed f'Dawret il-Wied. Is-Sindku nforma li kull *doggy bin* jiswa 100 Ewro u għadna kemm waħħalna 15 il-wieħed, pero' rridu nżidu iktar.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota, għal-meta jsir lot ieħor biex jitwaħħlu *doggy bins*.

### 73.4.5 – Tabella fil-Pjazza
Il-Kunsillier Deguara staqsa x'sar minnha tabella b'mappa tal-Mosta, li kienet fil-Pjazza. Is-Sindku nforma li din ila li tneħħiet. Din kienet turi l-proġett ta' Bistra imma peress li din maż-żmien swiedet, kienet twaħlet pjanta tal-Mosta li kienet antika wkoll, u kull ma kienet isservi hu biex tgħati dell lil tal-ħut, u għalhekk l-użu tagħha ma kienx qed isservi skop partikolari.
Is-Sindku nforma li eventwalment mal-proġett tal-latrina ħa jkollna *digital display* informattiva li ħa ssir mil-MTA.

### 73.4.6 – Zebra Crossing
Il-Kunsillier Deguara ressaq talba min residenti biex issir *zebra crossing* quddiem iċ-ċimiterju. Is-Sindku nforma li konna applikajna u ġiet irrifjutata għax fuq *main road* ma jsirux, kif wkoll fejn Mount St. Joseph fejn din wkoll konna applikajna u ġiet irrifjutata.

### 73.4.7 – Boroz Bojod
Il-Kunsillier Deguara ressaq talba min residenti biex nitolbu l-Wasteserv jgħamlu boroż bojod ikbar għal *bins* li qed jqassmu.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-*bins* li qed jqassmu l-Wasteserv, ma jieħdux boroż bojod, imma suwed jew tar-*recycling* li huma kollha kbar.

### 73.4.8 – Żjara min-Millbrae
Il-Kunsillier Deguara nforma li għandu lista tan-nies li jammontaw għal-18 għaż-żjara min Millbrae. Iż-żjara ġewwa l-Kunsill ħa tkun fil-25 ta' April.

### 73.4.9 – Triq Callus
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li fi Triq Callus k/m Triq Ponsomby, hemm il-bankina mkissra wara li sar xi kostruzzjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex jmur jiċċekja l-handyman tal-Kunsill u tiġi rrapurtata.

### 73.4.10 – Triq it-Trinkatur
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li fi Triq it-Trinkatur m'hemx dawl. Is-Sindku nforma li din it-triq ġiet irrapurtata lil-Enemalta għax hemm ħsarat fil-linji, kif jissewwew jmur il-kuntrattur tagħna jerġa jiċċekkja.

### 73.4.11 – Bins tal-Bandli
Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex ninfurmaw lil-kuntrattur biex wara weekend il-*bins* jitbgħatlu it-tnejn kmieni fil-għodu, għax qed jkunu mimlijin sew wara *weekend.*
Is-Sindku talab biex jsir adendum fil-kuntratt biex il-*bins* jitbgħatlu s-Sibt u l-Ħadd wkoll.
Il-membri preżenti qablu unanimament.

73.4.12 – Ta' Ġanni Cafe'
Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex nibgħatu ittra lil Ta' Ġanni Cafe', peress li l-iskart mhux qed joħorġu skont l-iskeda.

73.4.13 – Boroz ta' l-Organic
Il-Kunsilliera Bonnici saqsewa xi residenti kemm il-darba jistaw jinġabru l-boroz ta' l-*organic*. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dawn jinġabru kull 4 xhur, u ħa tibgħatila l-iskeda tal-ġbir b'*email*.

73.5 Rapporti

73.5.1 - Unaudited Financial Statements 2018
L'*accountant* tal-Kunsill Daniel Galea ppreżenta u spjega l-*unaudited financial statements* 2018.

- Statement of Comprehensive income: il-Kunsill kellu dħul ta' ftit aktar min 1.4 miljun, ħruġ ta' ftit aktar min 2 miljuni, u b'hekk il-Kunsill spiċċa b'*operating loss* ta' 595,000 Ewro mqabbel ma profit fl-2017 ta' 216,000 Ewro.
  Is-Sur Galea spjega li hemm raġuni teknika għal dan it-telf li qed jaffaċċaw din is-sena il-Kunsilli kollha, u mhuwiex il-każ li nallarmaw ruħna. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ direttiva, biex mil-2018 jinbidel il-mod ta' kif jsir id-*depreciation* tal-*fixed assets* li għandhom l-Kunsilli. Kull proġett li sar daqs 10 snin ilu, dawn jiġu mmarkati bħala 0, u għalhekk affetwat l-*accounts* tal-Kunsilli kollha.

- FAR: sar eżerċizzju fejn finalment għanda *fixed asset register* li jaqbel man-*nominal ledger.* Jonqos biss li jiġi *upgraded* fis-sistema tas-*software*.

- Fondi: *Funds received from Central Govenment* fejn kien hemm żieda fl-allokazjoni ta' madwar 50,000 Ewro.

- Permessi: Żieda ta' 13,000 Ewro.

- Operations & Maintenance: Dawn jinkludu spejjes kontratwali, u spejjes oħra fil-lokalita fejn intefqu 113,000 Ewro f'*patching* u bankini. Spejjes totali ta' 652,000 Ewro.

- Parks & Gardens: fejn hemm tnaqqis ta' d-*default notices* li nħarġu lil-Kuntrattur.

- Statement of Financial Position: fl-2017 bdjena 1.8 miljun, imma għandna tnaqqis fil-valur ta' kważi 800,000 Ewro.

- Receivables: Il-Kunsill x'kellu jirċievi, ta' 116,000 Ewro.

- Bank: Il-Kunsill għalaq is-sena bi flus il-bank ta' 838,000 Ewro.

- Long term Liabilities: PPP1 fadal l-aħħar pagament ta' 28,000 Ewro.

- Fixed Assets: Il-Kunsill kellu addizzjoni ta' ċirka 35,000 Ewro.

- Payables: Il-Kunsill x'għandu jħallas, fejn fl-aħħar tas-sena kien hemm bilanċ ta' 295,000 Ewro, li huma; tal-Wasteserv, fejn ma jkunux tħallsu għax id-DLG jkun għadu ma ħallashomx,

ammont ieħor fuq depożiti ta' bankini, pagament tal-PPP1, u *accruals* fejn ma rċevejnhiex *invoices.*

- Differed Income: fejn qed jonqos bil-mod b'direttiva numru 1.

- Capital Committments: 1.365 miljun approvati bħala *budget* biex jsiru proġetti. Li l-maġġoranza tagħhom huma min fondi tal-EU jew tal-Gvern Centrali, Develpment Fund u PAMA.

- Related Party Transactions: Il-Kunsill għamel telf ta' 594,716 Ewro, imma spiċċa s-sena *b'net current asset*, iġifieri b'*surplus* ta' 490,595 Ewro. Iġifieri għalkemm kien hemm telf fl-assi, Il-poziżżjoni tal-Kunsill baqgħet titjib, liema *surplus* jammonta għal-madwar 35%.

Wara li nqara' u ġie sġjegat ir-rapport finanzjarju tal-għeluq tas-sena 2018, ma kienx hemm iktar domandi mil-membri preżenti, u fit-8:23pm, l-accountant tal-Kunsill Daniel Galea, ħareġ mil-laqgħa.

**73.5.2 - Evaluation tat-Tender KLM T02/2018- Road Maintenance of access & access only roads & ancillary works**
Is-Sindku nforma li dan it-tender ġie evalwat u rebħu l-Ell's Urban Services.

**73.5.2 - Evaluation tat-Tender KLM T08/2018- Supply, Installation and commissioning of CCTV Systems**
Is-Sindku nforma li dan it-tender ġie evalwat u rebħu lil-Faro Group.

**73.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**73.6.1 Skeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 86.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 12 ta' Frar sal-11 ta' Marzu 2019.

**73.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**73.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**73.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu Il-listi tal-petty cash li tkopri xahar ta' Frar 2019.

73.7 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta’ filgħaxija, u ġiet aġġornata għat- 8 ta’ April 2019 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 11 ta’ Marzu 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |